32002D0958

L 333/21 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ 10.12.2002

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tat-28 ta' Novembru 2002

## rigward it-tmiem tal-Ftehim li sar fis-sura ta' skambu ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk f'deroga proviżorja, li tirrigwardja l-importazzjoni fil-Komunità tat-tadam li ġej mill-Marokk, mill-Protokoll Nru 1 ta' l-Agrikoltura għall-Ftehim ta' l-Ewro-Mediterran fejn jistabilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa, u r-Renju tal-Marokk min-naħa l-oħra

(2002/958/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkonsidra it-Trattat li jistabilixxi l-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 flimkien mal-sottoparagrafu ta' l-Artikolu 300(2)

Wara li kkonsidra il-proposta tal-Kummissjoni,

billi:

(1) L-Artikolu 18 tal-Ftehim ta' l-Ewro-Mediterran jistabilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom min-naħa l-oħra [1], hawnhekk imsejjaħ bħala "Il-Ftehim ta' l-Assoċjazzjoni" li ilu fis-seħħ mill-1 ta' Marzu 2002, iżda mill-1 ta' Jannar 2000, il-Komunità u l-Marokk se jagħmlu stima tas-sitwazzjoni bl-intenzjoni li jiddeterminaw il-miżuri ta' liberazzjoni li għandhom jiġu applikati mill-membri b'effett mill-1 ta' Jannar 2001. Il-Kunsill awtorizza l-Kummissjoni biex tibda n-negozjati mar-Renju tal-Marokk bl-intenzjoni li jintemm l-Ftehim il-ġdid ta' l-Agrikoltura ħalli jsegwi dak li diġà jeżisti, biex b'hekk tieħu s-sura ta' żieda fil-protokolli għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.

L-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 1 tal-Ftehim ta' l-Assoċjazzjoni, jipprovdi għall-applikazzjoni tat-tadam li ġej mill-Marokk b'livell ta' dħul ta' prezzijiet minn fejn id-dazji doganali speċifiċi se jitnaqsu għall-zero fil-limiti ta' l-ogħla kwantitajiet, bil-perjodi u l-kondizzjonijiet stipulati skond dak l-Artikolu u l-Artikolu 3 ta' dan il-Protokoll.

(2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2264/2001 tal-21 ta' Novembru 2001 jintroduċi ċerti konċessjonijiet awtonomi li huma proviżorji fis-sura ta' kwoti ta' tariffi tal-Komunità li japplikaw għall-importazzjonijiet tal-Komunità tat-tadam li ġej mir-Renju tal-Marokk, [2] li joħroġ b'miżuri proviżorji rigward it-tadam għall-perjodu mill-1 ta' Novembru 2001 sal-31 ta' Mejju 2002.

(3) Il-Konsultazzjonijiet saru bejn il-Komunità u l-Marokk taħt l-Artikolu 2 (6) tal-Protokoll Nru 1 tal-Ftehim ta' l-Assoċjazzjoni li għadd għandu pendenti t-tmiem tan-negozjati mill-ġdid tal-Protokoll ta' l-Agrikoltura u b'talli mod li jippermettu l-esportazzjonijiet tradizzjonali tat-tadam tal-Marokk fil-Komunità biex tkompli mingħajr ma tfixkel is-suq tal-Komunità.

(4) Ir-riżultat ta' dawn il-konsultazzjonijiet huwa l-Ftehim fis-sura ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità u r-Renju tal-Marokk, li huwa anness ma' din id-deċiżjoni, fejn idderoga proviżjonalment mill-Protokoll Nru 1 tal-Ftehim ta' l-Assoċjazzjoni fejn għandhom jintroduċu biss arranġamenti simili għal dawk li saru fir-Regolament (KE) Nru 2264/2001.

(5) Il-Ftehim fis-sura ta' l-iskambju ta' l-ittri jipprovdi d-dritt lill-Komunità li ttemm dawk l-arranġamenti jekk f'dawn in-negozjati partikolari taht l-Artikolu 18 tal-Ftehim ta' l-Assoċjazzjoni bejn il-Komunità u r-Renju tal-Marokk ma jkunx komplet qabel il-31 ta' Diċembru 2002.

(6) Il-miżuri neċessarji li jinsabu fil-Ftehim fis-sura ta' skambju ta' ittri biex jiġu implimentati dawn l-arranġamenti jistgħu jiġu adoperati mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 5 [3] tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 747/2001 tad-9 ta' April 2001 fejn jipprovdi għall-administrazzjoni tal-kwoti tat-tariffi tal-Komunità u b'referenza għall-kwanitajiet ta' prodotti eleġbili għall-prefenzi minħabba Ftehim minn certi pajjiżi tal-Mediterran.

(7) Il-Ftehim fis-sura ta' skambju ta' ittri negozjati bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk għandu jiġi approvat.

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

### *Artikolu 1*

Il-Ftehim fis-sura ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk ġie dderroga temporanjament, fir-rigward ta' l-importazzjoni fil-Komunità tat-tadam li ġej mill-Marokk mill-proviżjon tal-Protokoll Nru 1 ta' l-Agrikoltura għall-Ftehim ta' l-Ewro-Mediterran li jistabilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom fuq naħa u r-Renju tal-Marokk fuq in-naħa l-oħra li hawnhekk huwa approvat għan-nom tal-Komunità.

It-test ta' dan il-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

---

[1] U L 70, tat-18.3.2000, p. 2. Il-Ftehim kif emendat bil-Ftehim fis-sura ta' skambju ta' ittri. (U L 70, tat-18.3.2000, p. 206).

[2] U L 305, 21.11.2001, p. 20.

[3] ĠU L 109, tad-19.4.2001, p. 2. Ir-Regolament kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 786/2002 (U L 127, ta' l-14.5.2002, p. 3).

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat li jinnomina l-persuna (I) li jingħata l-permess li jiffirma l-Ftehim f'għamla ta' skambju ta' ittri biex b'hekk jorbod il-Komunità.

Magħmul fi Brussel, fit-28 ta' Novembru 2002.

*F'isem il-Kunsill*

*Il-President*

B. HAARDER